Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAT-TNEJN U ĦAMSIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2011

**Ħin:** Mis-6.20pm sas-6.40pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur J. Cassar
Is-Sur Guido Borg
Il-Kunsillier Trevor De Giorgio

1. **<u>Diskussjoni dwar il-Petiżżjoni li nġabret dwar is-servizz tal-karozza tal-linja f'Ħal Balzan.</u>**

Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill, petiżżjoni li huwa ġabar wara li kien ġie avviċinat minn diversi persuni jilmentaw fuq is-serviżż tal-karozza tal-linja f'Ħal Balzan. Huwa qal li aktar minn 900 persuna ffirmaw il-petiżżjoni (mehmuza).

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-mozzjoni li kienet ippreżentata mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea u l-Kunsillier G. Borg u J. Cassar biex tissejjaħ laqgħa urġenti biex tiġi diskussa l-możżjoni li taqra:

"Wara li nġabru firem mir-residenti Balzanin u ħaddiema li jaħdmu fil-lokalita' ta' Ħal Balzan, inġabru madwar 860 firma, qiegħed nitlob li tissejjaħ laqgħa urġenti tal-Kunsill. L-aġenda tkun petizzjoni mressqa fil-parlament."

Is-Sindku beda biex jgħid li l-iniżjattiva biex tinġabar il-petizzjoni kienet waħda tajba imma kull deċiżjoni trid titieħed mill-Kunsill. Is-Sindku nnota li huwa kien iffaċċjat b'talba biex issir minibus biex tiġi ppreżentata l-petizzjoni lill membri parlamentari u l-opinjoni tiegħu hija li biex jissaħħaħ l-argument dawk li jinzlu kellhom jinżlu bl-Arriva.

Il-Viċi-Sindku nnota li xtaq jagħmel minibus għax l-anzjani li kienu ser jinżlu miegħu jkollhom diffikulta' biex jimxu sal-bini tal-parlament.

Il-Kunsillier T. DeGiorgio ppropona li l-petiżżjoni tiġi pprezentata lill-Transport Malta, lill-Arriva u lill-Ministru responsabbli mit-Trasport, l-Onor. Dr. A. Gatt sabiex il-materja ma tiġiex politiżżata u jekk fi żmien 3 ijiem ma tingħatax risposta pozittiva minn Transport Malta ssir laqgħa mal-Prim Ministru. Il-możżjoni kienet issekondata mis-Sindku u wara li ttieħed vot għaddiet bi tlett voti favur u żewġ voti kontra.

Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea qal li jekk il-Kunsill ma jridx li l-petiżżjoni li nġabret tiġi ppreżentata lill membri parlamentari hu kien ser ineħħi l-logo tal-Kunsill u jipprezenta lill-Prim Ministru u membri parlamentari oħra bħala individwu u jirriżenja mill-Partit u jibqa Viċi-Sindku indipendenti.

**2. Rapport tas-*Selection Committee* għal-pożiżżjoni ta' Segretarju Ezekuttiv.**

Is-Sindku qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill dokument bit-titlu "*Selection Committee for Executive Secretary Balzan Local Council*" li jġib id-data tat-30 ta' Settembru 2011 liema dokument ma tqassamx qabel il-laqgħa (mehmuz).

Is-Sindku qara l-kontenut tad-dokument fejn l-Kunsill ġie nfurmat li s-*Selection Committee* tixtieq li terġa ssir sejħa għall-applikazzjonijiet għal-pożizżżjoni ta' Segretarju Ezekuttiv peres li ma sabet lill ħadd mill-applikanti jissodifa l-bżonnijiet tal-Kunsill u kienet ser titlob lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jappunta *Acting Executive Secretary* b'mod immedjat. Wara li kien issekondat mill-Kunsillier T. DeGiorgio l-Kunsill unanimament approva l-kontenut.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 12 ta' Ottubru 2011 fil-5.30pm flok nhar il-Erbgħa, 5 ta' Ottubru 2011 fuq talba tal-Kunsillier T. DeGiorgio peres li ser ikun msiefer.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mr. M. Mallia** |
| Sindku | Aġent Segretarju Ezekuttiv |

Data